A.L. 48 tal-2010

ATT DWAR L-ESTRADIZZJONI
(KAP. 276)

Ordni tal-2010 li Jemenda l-Ordni dwar l-Estradizzjoni (Stati Uniti tal-Amerika)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 7 tal-Att dwar l-Estradizzjoni, il-Ministru tal-Ġustizzja u l-Intern għamel dan l-Ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-Ordni hu Ordni tal-2010 li Jemenda l-Ordni dwar l-Estradizzjoni (Stati Uniti tal-Amerika) u għandha tinqara u tifthiem ħaġa waħda mal-Ordni dwar l-Estradizzjoni (Stati Uniti tal-Amerika), hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "l-Ordni prinċipali". L.S. 276.07.

Jemenda l-artikolu 2 tal-Ordni prinċipali.

2. Fl-artikolu 2 tal-Ordni prinċipali, minnufih wara t-tifsira ta' "il-Ministru" għandha tidħol it-tifsira ġdida li ġejja:

" "l-Istat Rikjest" tfisser l-Istat li jirċievi t-talba għall-estradizzjoni;".

3. Minflok l-artikolu 4 tal-Ordni prinċipali, għandu jiġi sostitwit li ġej:

"4. Għall-finijiet ta' dan l-Ordni, l-artikolu 8(1)(a) tal-Att relevanti għandu japplika daqslikieku minflok il-kliem "skond dik il-liġi" f'dan l-artikolu hemm sostitwiti l-kliem "skond il-liġi Maltija jew skond dik il-liġi" u minflok il-kliem "tnax-il xahar" f'dan l-artikolu, hemm sostitwiti l-kliem "għall-iktar minn tnax-il xahar".".

Jemenda l-artikolu 6 tal-Ordni prinċipali.

4. L-artikolu 6 tal-Ordni prinċipali għandu jiġi emenda kif ġej:

(a) fil-paragrafu (b) tiegħu, minflok il-kliem "ġiet ordnata l-estradizzjoni."; u" għandhom jiġu sostitwiti l-kliem "ġiet ordnata l-estradizzjoni."; u

(b) il-paragrafu (ċ) tiegħu għandu jiġi mħassar.

Jemenda l-artikolu 6 tal-Ordni prinċipali.

5. L-artikolu 6 tal-Ordni prinċipali għandu jiġi ennumerat mill-ġdid bħala s-subartikolu (1) tiegħu, u minnufih wara għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(2) Għal-finijiet ta' dan l-Ordni minnufih wara s-subartikolu (3) tal-artikolu 10 tal-Att relevanti għandu jiżdied

dan li ġej:

"(3A) Meta d-deskrizzjoni tar-reat tinbidel matul il-proċedimenti, taħt dan l-Att persuna m'għandhiex titreġġa' lura lejn xi pajjiż jew tingħata sentenza jew tinżamm taħt kustodja għall-fini li tintbagħat lura, sakemm ma jkunx hemm dispożizzjonijiet fil-liġi, jew isir arranġament ma' dak il-pajjiż, illi l-persuna estradita ser tkun trattata biss safejn ir-reat, taħt id-deskrizzjoni ġdida tiegħu, ikun jidher li jkun reat ta' estradizzjoni u jkun ibbażat fuq l-istess fatti li jkunu jinsabu fit-talba għall-estradizzjoni u tkun punibbli bl-istess piena massima bħal, jew piena massima inqas mir-reat li għalih ingħatat l-estradizzjoni.".

Żieda ta' artikolu ġdid 7A għall-Ordni prinċipali.

6. Minnufih wara l-artikolu 7 tal-Ordni prinċipali għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej:

"Żieda ta' artikolu ġdid 11A għall-Att relevanti.

7A. Għall-finijiet ta' dan l-Ordni, minnufih wara l-artikolu 11 għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej:

"Estradizzjoni oħra.

11A. Persuna li tintbagħat lura lejn l-Istati Uniti tal-Amerika, ma tistax tiġi estradita lil xi Stat terz jew lil xi tribunal internazzjonali għal xi reat imwettaq qabel ma tkun ġiet estradita sakemm il-Ministru ma jagħtix il-kunsens tiegħu."."

Jisostitwixxi l-artikolu 8 tal-Ordni prinċipali.

7. Minflok l-artikolu 8 tal-Ordni prinċipali għandu jiġi sostitwit dan li ġej:

"Żieda ta' artikolu ġdid 12A għall-Att relevanti.

8. Għall-finijiet ta' dan l-Ordni, minnufih wara l-artikolu 12 għandu jiżdied l-artikolu ġdid li ġej:

" Konsenja Temporanja.

12A. (1) Jekk il-Qorti tordna illi persuna tinżamm taħt kustodja waqt li qed jistenna li jintbagħat lura u dik il-persuna tkun qed tiġi proċessata għal xi reat kommess fil-ġurisdizzjoni Maltija jew tkun qed tiskonta sentenza f'Malta, il-Qorti tista' tikkonsenja temporanjament il-persuna rikjesta lill-Istati Uniti tal-Amerika sabiex dik il-persuna tiġi proċessata.

(2) Il-konsenja temporanja għandha sseħħ skont dawk il-kundizzjonijiet bil-miktub mifthiema mal-awtortià li qiegħda titlob l-estradizzjoni."."

8. L-artikolu 10 tal-Ordni prinċipali għandu jiġi mħassar. Iħassar l-artikolu 10 tal-Ordni prinċipali.

9. Fl-artikolu 11 tal-Ordni prinċipali, fis-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "Ġustizzja u" għandhom jiġu sostitwiti l-kliem "Ġustizzja u tal-Ministeru jew Dipartiment responsabbli għall-Affarijiet Barranin u". Jemenda l-artikolu 11 tal-Ordni prinċipali.

10. L-artikolu 13 tal-Ordni prinċipali għandu jigi emendat kif ġej:

(a) minflok il-paragrafu (ċ) tiegħu, għandu jiġi sostitwit li ġej:

"(ċ) minnufih wara s-subartikolu (3) tal-artikolu 25 tal-Att relevanti għandu jiżdied dan li ġej:

"(3A) (a)Meta d-deskrizzjoni tar-reat tinbidel matul il-proċedimenti, għandu jitmexxa biss kontra l-persuna li titreġġa' lura jew li tingħata sentenza sakemm ir-reat, taħt id-deskrizzjoni ġdida tiegħu, ikun jidher mill-elementi kostituttivi tiegħu li jkun reat ta' estradizzjoni u jkun ibbażat fuq l-istess fatti li jkunu jinsabu fit-talba għall-estradizzjoni u jista' jingħata piena bl-istess piena massima bħal, jew piena massima inqas minn, ir-reat li dwaru tkun ingħatat l-estradizzjoni.

(b) Persuna li tintbagħat lura lejn Malta, ma tistax tiġi estradita lejn xi Stat terz jew lil xi tribunal internazzjonali għal xi reat imwettaq qabel ma tkun ġiet estradita lejn Malta sakemm l-Istat Rikjest ma jagħtix il-kunsens tiegħu.

(ċ) Id-dispożizzjonijiet preċedenti ta' dan is-subartikolu m'għandhomx iwaqqfu estradizzjoni oħra ta' persuna lejn Stat terz jekk:

(i) dik il-persuna titlaq mit-territorju ta' Malta wara l-estradizzjoni u minn jeddha tmur lura f'dak l-Istat; jew

(ii) dik il-persuna ma titlaqx it-territorju ta' Malta fi żmien 30 jum mill-jum li dik il-persuna tkun f'qagħda li titlaq."; u

(b) fil-paragrafu (d) tiegħu, minflok il-kliem " "tletin"; u" għandu jiġi sostitwit il-kliem " "tletin" .";u

(ċ) il-paragrafu (e) tiegħu għandu jiġu mħassar.

Jemenda l-artikolu 15 tal-Ordni prinċipali.

11. L-artikolu 15 tal-Ordni prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu, minnufih wara l-kliem "konsenjata lill-Istati Uniti tal-Amerika" għandu jidħol il-kliem "minn pajjiż terz"; u

(b) minnufih wara s-subartikolu (2) tiegħu, għandu jiżdied is-subartikolu ġdid li ġej:

"(3) Persuna illi qiegħda tingħadda minn Malta waqt l-estradizzjoni jew it-tneħħija bħala priġunier misjub ħati minn pajjiż għal ieħor għandha tinżamm taħt kustodja waqt il-perjodu ta' transitu.".

Jemenda l-artikolu 16 tal-Ordni prinċipali.

12. Fl-artikolu 16 tal-Ordni prinċipali, minflok il-kliem "ikollu piena li fiha titneħħa l-libertà għal żmien sena jew anqas," għandhom jiġu sostiwiti l-kliem "ma jissodisfax il-kundizzjonijiet relattivi għat-tul tas-sentenza mniżżla fl-artikolu 8(1)(a) tal-Att relevanti,".